MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Numru 485/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Ramona Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputata Ramona Vassallo ta' 30 sena bint Cristino u Pia Maria nee` Bartolo mwielda Attard u toqghod 280, Triq il-Kbira, San Pawl il-Bahar, detentrici ta' karta tal-identita` numru 413371(M), akkuzat talli fit-28 ta' Frar 2002 u f'dati ohra, f'San Giljan u l-Hamrun, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-stess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

Ghamlet falsifikazzjoni fi skritturi kummercjali jew ta' bank privatm b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-skrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zidt jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Jew aktar li ghamlet uzu minn tali skritturi u cioe` zewg cekkijiet tal-Bank HSBC b'valur ta' Lm149 ghad-detriment ta' Ronald Aquilina u Christopher Cianco, Dan bi skur tal-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-stess cirkostanzi iffalsifikat ceduli jew dokumenti ohra illi meta jigu prezentati wiehed jista` jircievi bihom hlas jew jigbor depositu jew rahan minn bak jew stabbiliment iehor pubbliku. U dan bi skur tal-Artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-stess cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew bizgha dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' Lm149 bi hsara ta' haddiehor. U dan bi ksr ta' l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-stess cirkustanzi xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa u cioe` cheque book b'diversi cheques mehudin b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod iehor li ikun indahlet biex tbiegh jew tmexxihom bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Sare ricediva ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li giet kkundannata b'sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Il-Qorti miltuba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil imputata ghal hlas tal-spejjez li ikollhom x'jaqsmu mal-

hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema somamrjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-imputata hi akkuzata:

1. B'falsifikazzjoni ta' atti pubblici jew ta' bank privat u l-uzu xjenti tal-stess ai termini tal-Artikolu 183 u 184;
2. B'falsifikazzjoni ta' dokumenti taht l-Artikolu 167 tac-citat Kap;
3. Bi truffa jew qerq ai termini tal-Artikolu 308, 309 u 310 tal-stess Kap;
4. Bir-recidiva.

Illi fil-kaz in esami l-provi kontra l-imputata huma skjacanti u ma jhallu ebda dubbju li l-prosekuzzjoni ppruvat pjenament l-akkuzi minnha dedotti.

Illi brevement l-akkuza tal-falsifikazzjoni, dedotta fl-ewwel u t-tieni akkuza, li jinsabu assorbiti, titratta kemm il-falz se stante billi giet maghmula firma falza, u kemm il-falz ideologiku li jikkonsisti filli l-imputata uriet fid-dokument (cekk) per se genwin dak li pero ma kienx veru stante li ma kienx inhareg mill-propjetarja tac-cekk. Similment tirrisulta minghajr dubbju t-truffa almenu that l-Artikolu 309 li jitratta l-qliegh li jsir b'qerq bi pregudizzju ta' terzi. Ir-ricettazzjoni, in mankanza ta' akkuza specifika ta' serq, ukoll tirrisulta car. Tirrisulta wkoll minghajr dubbju r-recidiva.

Inghad dan ghalhekk il-Qorti qieghda ssib lil imputata hatja tal-akkuzi kollha dedotti kontra taghha b'dan li l-ewwel u t-tieni akkuzi huma assorbiti. Ghal finijiet ta' piena rat l-Artikolu 183, 184, 167, 308, 309, 310, 334, 18, 17, 31 u tikkundanna lil imputata ghal tmintax il-xahar prigunerija li qieghda pero tissospendi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitlu 9 ghall perjodu ta' erbgha snin mill-llum.

Addizjonalment qieghda tapplika kontra l-stess imputata l-Artikolu 28H u tordna illi thallas lill-persuni hawn taht indikatiu fi zmien mhux oltre sitt xhur l-ammonti indikati fejn kull isem: ossija-
Lm64 lil Ronald Aquilina;
Lm85 lil Christopher Ciancio;
Lm150 lil Maryanne Gatt.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------